Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,324, 8 ta' Ottubru, 2024
Taqsima B

A.L. 258 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Grad/i" tfisser il-grad/i ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

It-Tipi ta' Gradi Offruti

3. Il-Fakultà toffri l-Gradi li ġejjin:

(a) il-grad ta' Doctor of Philosophy; u
(b) il-grad ta' Doctor of Philosophy bil-Prattika bħala Riċerka.

4. Il-Bord għandu japprova l-oqsma ta' riċerka fejn l-Gradi jistgħu jkunu offruti. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-komponent tal-prattika tal-Grad bil-Prattika bħala Riċerka jkun ikkunsidrat skont il-każ fiż-żmien tal-applikazzjoni u l-Bord għandu jqis ir-riżorsi meħtieġa għas-superviżjoni u l-eżami tax-xogħol.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. L-applikanti għall-Gradi offruti mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin, normalment minn din l-Università jew minn xi università oħra rikonoxxuta mis-Senat:

(a) il-grad ta' Master f'oqsma ta' studju ta' rilevanza għall-Fakultà; jew

(b) il-grad ta' Baċellerat fl-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili jew f'xi dixxiplina relata oħra, li jkopri tal-anqas 240 krettu ECTS, miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla) f'qasam ta' studju relatat mal-qasam ta' riċerka propost; jew

(ċ) kwalifiki li l-Bord iqis komparabbli għall-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

6. L-applikanti jistgħu wkoll jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

7. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom u/jew li jtemmu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

8. L-istudenti reġistrati fil-Fakultà jistgħu jkunu meħtieġa jieħdu sehem fil-programmi akkademiċi tal-Fakultà. Jistgħu wkoll jintalbu jattendu u jagħtu preżentazzjoni/jiet waqt seminars dwar riċerka ta' wara l-ewwel grad organizzati mill-Fakultà waqt ir-reġistrazzjoni tagħhom għall-Grad u/jew jwettqu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżijiet

9. (1) Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżijiet u tal-komponent tal-prattika (kif applikabbli) għall-Grad u għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka.

(2) It-Teżijiet għall-Grad għandhom jikkonsistu minn bejn 80,000 u 100,000 kelma, esklużi n-noti f'qiegħ ta' paġna, in-noti tal-aħħar, il-lista ta' referenzi, l-appendiċijiet, ir-riassunt, u l-materjal preliminari.

(3) It-Teżijiet għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka għandhom jikkonsistu minn bejn 40,000 u 50,000 kelma, esklużi n-noti f'qiegħ ta' paġna, in-noti tal-aħħar, il-lista ta' referenzi, l-appendiċijiet, ir-riassunt, u l-materjal preliminari.

(4) L-istudenti reġistrati għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka jkunu meħtieġa jipprovdu rekord dokumentat permanenti tal-prattika tar-riċerka f'format xieraq, kif indikat fil-linji gwida approvati mill-Bord, u li għandu jkun inkluż mal-kopji ppreżentati lill-Fakultà u lil-Librerija tal-Università.

It-Tħassir

10. L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 400 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.